MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**AARON BUGEJA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Numru. 1231/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**Vs**
**Ali Ramadan A El Ahwel**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 14 ta` Dicembru, 2013 fil-konfront ta` Ali Ramadan A El Ahwel, ta’ 31 sena, bin Ramadan u Anis El Ahwel, imwieled Tripoli, nhar is-6 ta’ Mejju, 1982, residenti fil-fond numru Suq il-Gimgha, Tripoli, indirizz f’Malta mhux maghruf u detentur tal-karta tal-Passaport Libjan numru 801309.

L-imputat akkuzat talli;

a) Fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Dicembru, 2013 f’xi hin bejn is-01.00 u is-0545 hrs minn gewwa l-istabilimenti Cabanas jew Havana, San Giljan, ikkommetta serq ta’ telefonu cellulari tad-ditta Apple ghamla iPhone ghad-

detriment ta' Dana Falzon, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

b) Talli nhar it-13 ta' Dicembru, 2013, u granet qabel din id-data, ikkommetta serq ta' telefonu cellulari tad-ditta Apple ghamla iPhone ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

c) Ukoll talli fit-13 ta' Dicembru, 2013, u gimghat ta' qabel din id-data xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti,

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u wkoll xhud fuq talba tad-Difiza;

Innutat li matul is-Seduta tal-10 ta' Jannar 2014 l-imputat iddikjara li hu hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

In segwitu ghal dan il-Qorti ghalqet il-kompilazzjoni tal-provi kontra l-imputat u ddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza u rrinvjat l-atti lill-Avukat Generali skont il-Ligi.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju ghal-gudizzju datata 3 ta' Frar 2014 l-Avukat Generali, ai termini tal-Artikolu 370(3)(a)(f) tal-Kodici Kriminali ghazel li jibghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti u indika li setghet tinstab htija that l-Artikoli 334 u 533 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-prezenza tal-imputat, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process u ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali qeghda tghaddi biex tghati s-sentenza minnufih ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tielet imputazzjoni giet addebitata bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan pero li r-ricettazzjoni saret fiz-zewgt cirkostanzi imsemmija fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Rat li l-imputat reggha tenna l-ammissjoni ta' htija tieghu fir-rigward tat-tielet imputazzjoni kontestata lilu mill-Prosekuzzjoni fit-termini hawn fuq imsemmija.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, il-Qorti :

(a) fid-dawl li l-ewwel u t-tieni imputazzjoni gew imputati bhala alternattivi ghat-tielet imputazzjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

(b) izda wara li rat l-Artikoli 17(b), 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), u 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tieghu stess, issib lill-imputat **Ali Ramadan A El Ahwel**, hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imputat **Ali Ramadan A El Ahwel** ghall-piena ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza

nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum l-imputat **Ali Ramadan A El Ahwel** jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti tat lill-imputat **Ali Ramadan A El Ahwel** l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------